# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar 2023**

**Talba Nru: 194/2022 JG**
**Numru fuq il-lista: 16**

**Bank of Valletta p.l.c. [C 2833]**

**vs**

**Jeffrey Grima [K.I. 153499M]**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2022[1], permezz ta' liema, s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' erbat elef, seba' mija u tmienja u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€4,778.20ċ) rappreżentanti self imwettaq iżda mhux imħallas kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' ittra uffiċjali, ta' mandat ta' sekwestru, ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra d-dokumenti annessi mal-istess Avviż, inkluż l-affidavit ta' Johanna Bartolo[2];

Ra li l-konvenut, għalkemm debitament notifikat[3] naqas milli jippreżenta risposta formali u li jirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri u b'hekk ġie dikjarat li waqa' fi stat ta' kontumaċja[4];

Sema' x-xhieda ta' Dorianne Cassar[5];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi mill-*iter* proċesswali hawn fuq magħmul jemerġi ċar li l-konvenut f'dawn il-proċeduri kien totalment karenti, naqas milli jsegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk kien kontumaċi.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti[6]. Wara kollox, għalkemm l-istitut tal-kontumaċja huwa att gravi ta' diżrispett lejn awtorità ġudikanti, dan ma jista qatt jissarraf f'ammissjoni jew li xi konvenut ikun

[2] Dan tal-aħħar jinsab a fol 18 tal-proċess.
[3] Bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.
[4] Dan ġie hekk dikjarat fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2023.
[5] Magħmula waqt is-seduta tal-10 ta' Jannar 2023. Xhieda relattiva tinsab a fol 32 tal-proċess.
[6] *Vide* f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia,** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020. Wieħed huwa wkoll mistieden r-rakkolta ġurisprudenzjali (u dak hemm deċiż) magħmula fis-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Ltd vs Sharon Briffa et**, (Tlb Nru: 86/2020 KCX) mogħtija minn dan it-Tribunal (diversament presedut) nhar is-27 ta' Jannar 2022 (mhux appellata). Għal dak li jiswa, ssir referenza wkoll għas-sentenza ta' dan it-Tribunal kif presjedut fl-ismijiet **Montaldo Insurance Agency Limited *et* vs Leon Grech *et*,** (Talba Nru: 298/2021) mogħtija nhar it-28 ta' Ottubru 2022.

irrinunzja għal xi eċċezzjonijiet. Hekk, per eżempju ma jistax jingħad li fil-kontumaċja konvenut ikun qagħad u aċċetta l-kompetenza ta' xi tribunal[7].

Illi mill-eżami tax-xhieda prodotta u tad-dokumenti kollha eżebiti jirriżulta li t-talba attriċi għandha tintlaqa' fit-totalitá tagħha. Ma hemm l-ebda xhud li dan it-Tribunal għandu jiddubita minnha[8], u ġiet eżebita wkoll d-dokumentazzjoni kollha rigwardanti l-ispejjeż relattivi.

---

[7] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Antonio Debono *et* vs Paolo Borg,** mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 t'April 1955 per Onor. Imħallef Dr. J. Caruana Colombo, fejn, b'self minn sentenza preċedenti ġie mfakkar u deċiż hekk: *"Illi, kif ġie deċiż minn dina l-Qorti fil-31 ta' Jannar, 1935, fil-kawża "Scicluna vs Banavage", din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza hija sollevabbli mill-Qorti, għalkemm il-konvenut huwa kontumaċi; tant għaliex il-kontumaċja tal-konvenut ma tagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-kawża, u għalhekk il-ġudikant għandu jeżamina l-ġustizzja tad-domandi ta' l-attur mingħajr ma jieħu kont tal-kontumaċja tal-konvenut, kemm għaliex l-eċċezjzoni hi sollevabbli "ex officio" meta, għar-raġuni ta' materja, il-kawża ma tkunx ta' kompetenza jew ġurisdizzjoni tal-Qorti (Vol. XXIX-11-293)".* Fuq l-istess vena mbagħad, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Gerada vs Salvu Attard,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fis-6 ta' Novembru 1959 fejn intqal hekk: *"Għalkemm il-konvenut jibqa kontumaċi, dan ma jagħtix lok għall-preżunzjoni ta' abbandun tal-liti, għad-difett ta' eċċezzjonijiet leġittimi, jew għal adeżjoni għad-domanda; imma, inveċi, għas-suppożizzjoni ta' rimessjoni għall-ġustizzja tat-tribunal".* Aktar qrib żminijietna mbagħad, wieħed huwa mistieden jara dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Awtoritá għat-Trasport f'Malta vs Khadar Qaasim Abdi,** (Tlb Nru: 597/2016) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut nhar is-6 ta' Novembru 2017, fis-sentenza fl-ismijiet **Epifanio Azzopardi vs Alberto Decelis,** (Rik Ġur Nru: 57/17) mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar l-4 ta' Ottubru 2018 u dak deċiż fil-proċeduri fl-ismijiet **Signrite Limited vs Richmoore and Anderson Limited (C-50459),** (Avv Nru: 80/2019) mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera nhar is-7 ta' Ottubru 2019.

[8] Dwar komportament ta' xhud, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar

Illi l-istess jingħad għal dak li jikkonċerna l-kwistjoni tal-imgħax kif mitlub fl-Avviż. Din l-aħħar parti tat-talba tissodisfa l-vot tal-artikolu 1142 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk hija meritevoli t'akkoljiment[9].

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna l-konvenut iħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' erbat elef, seba' mija u tmienja u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€4,778.20ċ) bl-imgħax legali mill-14 ta' April 2022[10] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 2599/2021[11], iżda mhux dawk tal-Mandat ta' Sekwestru msemmi fl-Avviż[12], jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenut.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015.

[9] Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak enunċjat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs L-Avukat Dr. Anthony Cutajar *et*,** (Rik Maħluf Nru: 1122/2021 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Lulju 2022.

[10] Hekk kif mitlub fl-Avviż u hekk kif jemerġi mir-rendikont eżebit.

[11] Debitament eżebita.

[12] Kopja ta' liema qatt ma ġie formalment eżebit.